ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Kompetenzi Ewlenin

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

ID-DISA' SENA — Il-ĠEOGRAFIJA (Orali) — IL-ĦIN: 10 minuti

Il-Karta tal-Għalliema

Struzzjonijiet għall-għalliema:

Dan l-eżami jrid isir għal kull student/a individwalment.

a. Spjega lill-istudent/a kif se jkun l-eżami.

b. Agħti l-ewwel stampa lill-istudent/a.

ċ. Agħti lill-istudent/a ftit ħin biex i/tħares lejn l-istampa.

d. Staqsi jew iddiskuti mal-istudent/a l-mistoqsijiet marbutin mal-istampa.

e. Assigura li l-istudent/a għandu/ha ħin biżżejjed biex j/tesprimi ruħu/ha sewwa u b'hekk inti tkun tista' tassessja sewwa.

f. Kompli bil-bqija tal-mistoqsijiet b'dan l-istess mod.

1. Hares sew lejn dawn ir-ritratti fi stampa 1.

Stampa 1A





Stampa 1B

a. X'qed tara fi stampa 1A?
b. X'qed tara fi stampa 1B?
c. Liema jifforma l-ewwel, għar jew arkata?
d. Kif tifforma arkata?
e. Semmi eżempju **wieħed** ta' arkata jew għar ħdejn il-baħar fil-Gżejjer Maltin.

2. Ħares sew lejn dawn ir-ritratti fi stampa 2.

Stampa 2A

Stampa 2B

a. X'qed juru dawn iż-żewġ ritratti?
b. Għalfejn hija bżonnjuża l-ħamrija?
c. Semmi xi siġra u/jew pjanta komuni fil-Gżejjer Maltin.
d. X'inhi pjanta aljena?
e. Xl-aħjar inħawlu tul it-toroq tagħna, pjanti Maltin (indiġeni), jew pjanti aljeni?